# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

### Illum il-Ġimgħa, 27 ta’ Ottubru 2017

**Kawża Nru: 9**

**Rikors Ġuramentat Nru: 442 / 11 JA**

**Doris Debono; Grace Zammit; Antonia Spagnol; Maria Zammit; Salvina Spiteri; Alfred Pulis; Joseph Pulis; Eugenio Pulis; Salvatore Pulis; Emmanuela Spagnol; Rita Grech; Daniela Mifsud; Annabelle Sciberras; Pauline Grech; Miriam Mercieca; u Jesmond Grech.**

**-vs-**

**Michael Camilleri-Brennan u Sylvana Camilleri-Brennan; Filomena *sive* Phyllis Rodo; u b’digriet datat 14 ta’ Marzu 2017 l-atti ġew trasfużi f’isem uliedha Mario Rodo, Joan Caruana, Carmela Dolores Grima u Margaret Muscat *stante* li l-istess Filomena Rodo mietet fil-mori tal-kawża; Carmela Dolores Grima; Margaret Muscat; Joan Caruana; u Mario Rodo għal kull interess li jista’ jkollhom.**

# Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-atturi fl-4 ta' Mejju 2011 li permezz tiegħu ġie premess:

A. Dikjarazzjoni tal-Fatti

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Zammit datat tmienja u għoxrin ta' April tas-sena elfejn u sitta (28/04/2006), anness u mmarkat bħala Dok 'DD1', il-konvenuti Michael Camilleri-Brennan u Sylvana Camilleri-Brennan akkwistaw mingħand il-konvenuti l-oħrajn Filomena *sive* Phyllis Rodo, Carmela Dolores Grima, Margaret Muscat, Joan Caruana, Mario Rodo, id-dar bin-numru uffiċjali mija, tlieta u erbgħin (143) u mija ħames u erbgħin (145), qabel bin-numru uffiċjali mija, ħamsa u għoxrin (125), Triq Santa Domenica, Zabbar, soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' lira maltija u sbatax-il ċentezmu (Lm1.17);

Illi fl-istess kuntratt il-vendituri, ossia l-konvenut Filomena *sive* Phyllis Rodo, Carmela Dolores Grima, Margaret Muscat, Joan Caruana, Mario Rodo, iddikjaraw fi klawsola 5 tal-imsemmi kuntratt illi huma kienu qegħdin jiggarantixxu illi ma hemm l-ebda litigazzjoni fuq il-proprjeta' hawn fuq deskritta u li ma hemm l-ebda pretensjoni minn terzi għal xi drittijiet fuq l-istess proprjeta';

Illi *nonostante* din id-dikjarazzjoni, fil-verita' kien hemm proċeduri li kienu għaddejjin il-Qorti fir-rigward tal-istess fond, u dan kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, f'liema proċeduri, l-istess proċeduri, l-istess vendituri qua konvenuti Filomena *sive* Phyllis Rodo, Carmela Dolores Grima, Margaret Muscat, Joan Caruana, Mario Rodo, kien partijiet fihom;

Illi r-rikorrenti Doris Debono, Grace Zammit, Antonia Spagnol, Maria Zammit, Salvina Spiteri, Alfred Pulis, Joseph Pulis, Eugenio Pulis, Salvatore Pulis, Emmanuela Spagnol, Rita Grech, Daniela Mifsud, Annabelle Sciberras, huma l-werrieta ta' ċertu Francesca mart Giuseppe

Pulis, li tiġi omm l-esponenti, filwaqt r-rikorrenti Pauline Grech, Miriam Mercieca u Jesmond Grech huma l-werrieta ta' ċertu Carmelo Grech;

Illi l-istess Francesca mart Giuseppe Pulis, u Carmelo Grech, aħwa Grech, permezz ta' Att ta' Ċitazzjoni (Ċit. Nru. 1024/1974) ppreżentat fl-1 ta' Jannar 1974, kienu ppremettew illi meta missierhom Grazio Grech ittrasferixxa l-fond 125, Triq Santa Domenica, Zabbar (imsemmi aktar 'il fuq), b'titolu ta' *datio in solutum* lill-konvenuti Lawrence u Filomena, konjuġi Rodo, huwa kien irrenda b'dan il-mod ineffettiv it-testment *unica charta* tat-18 ta' Marzu 1966 li kien sar flimkien ma' ommhom Mary Grace Grech, fejn huma kienu ddisponew minn ħwejjiġhom kif kien jidher fl-istess testment u fejn kienu nnominaw eredi lill-erba' uliedhom aħwa Grech, jiġifieri l-istess Francesca Pulis u Carmelo Grech, kif ukoll lil Filomena Rodo u Giuseppi Grech;

Illi permezz tas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti mogħtija fl-14 ta' Marzu 2007, fl-ismijiet Carmelo u Francesca mart Giuseppe Pulis aħwa Grech vs Filomena mart Lawrence Rodo u Giuseppi aħwa Grech, u Lawrence Rodo b'digriet tal-10 ta' Lulju 1990, il-ġudizzju ġie trasfuż fil-persuna ta' Carmen mart Lawrence Grima, mario Joan xebba, u Margaret xebba aħwa Rodo, peress li fil-mori tal-kawża miet Lawrence Rodo (annessa u mmarkata bħala 'DD2') il-Qorti b'referenza għat-talba (d) taċ-ċitazzjoni tal-kawża ndikata, fejn kien hemm talba għad-dikjarazzjoni mill-Qorti li fil-fond 125/126 Triq Santa Domenica, Zabbar, kien u baqa' tal-istess Grazio Grech in kwantu l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin tat-18 ta' Jannar 1970, kien kuntratt simulat bħala *datio in solutum*, mentri kien fil-fatt donazzjoni projbita mil-liġi, laqgħet it-talba tal-atturi u ddeċidiet u ddikjarat li dak il-kuntratt kien wieħed simulat;

Illi permezz tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti datata 16 ta' Jannar 2008 (annessa u mmarkata bħala Dok 'DD3'), fl-istess ismijiet ċitati f'numru (5), din l-Onorabbli Qorti wara li kkunsidrat li permezz tas-sentenza parzjali fuq ċitata tal-14 ta' Marzu 2007, it-trasferiment minn Grazio Grech lill-konjuġi Rodo tal-fond 125 Triq Santa Domenica Zabbar, kien ġie dikjarat null, ikkonkludiet u kkonfermat l-istess fond kien ġie

mholli lil Francesca mart Giuseppe Pulis, Carmelo Grech u Salvina Pulis (bint Giuseppe Pulis u Francesca xebba Grech) f'sehmijiet ugwali;

Illi l-istess konvenuti Filomena *sive* Phyllis Rodo, Carmela Dolores Grima, Margaret Muscat, Joan Caruana, Mario Rodo, qatt ma interponew appell minn din id-deċiżjoni;

Illi madanakollu fis-16 ta' Mejju tas-sena 2008, huma fetħu proċedura ta' ritrattazzjoni. Illi permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datati 27 ta' Ottubru 2008 (annessa u mmarkati bħala Dok 'DD4') u 28 ta' Mejju 2009 (Rikors maħluf numru 505/08JZM; rikors mahluf numru 504/08/1 JZM u 504/08 JZM li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok ''DD5', Dok 'DD6' u Dok 'DD7' rispettivament), it-talbiet tar-rikorrenti f'dawk il-proċeduri jiġifieri Filomena *sive* Phyllis Rodo, Carmela Dolores Grima, Margaret Muscat, Joan Caruana, Mario Rodo kollha ġew miċħuda;

Illi għaldaqstant l-intimati Filomena *sive* Phyllis Rodo, Carmela Dolores Grima, Margaret Muscat, Joan Caruana, Mario Rodo kienu biegħu proprjeta' lill-intimati l-ohra Camilleri Brennan, meta kien hemm proċeduri għaddejjin fil-Qorti fir-rigward tal-imsemmija proprjeta' fejn permezz ta' liema proċeduri ġie deċiża illi l-fond in kwistjoni huwa tar-rikorrenti odjerni;

Illi in vista tas-suespost, hemm il-ħtieġa li ssir rexxissjoni tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Zammit datat tmienja u għoxrin ta' April tas-sena elfejn u sitta (28/04/2006) u żgumbrament mill-istess proprjeta';

Illi l-intimati m'għandhom l-ebda raġuni jew eċċezzjoni valida fil-liġi kontra t-talba tar-rikorrenti.

Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta u konoxxenza tar-rikorrenti odjerni;

B. Raġuni għat-talbiet f'dawn il-proċeduri

i. Illi kif diga' premes hawn fuq, il-proprjetarji tal-fond ossia dar bin-numru uffiċjali mija, tlieta u erbgħin (143) u mija ħames u erbgħin

(145), qabel bin-numru uffiċjali mija, ħamsa u għoxrin (125), Triq Santa Domenica, Zabbar, soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' lira Maltija u sbatax-il ċenteżmu (Lm1.17) huma r-rikorrenti odjerni u mhux il-vendituri *qua* intimati Filomena *sive* Phyllis Rodo, Carmela Dolores Grima, Margaret Muscat, Joan Caruana, Mario Rodo.

ii. Illi għaldaqstant hemm mill-ħtieġa li ssir rexxissjoni tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Zammit datat tmienja u għoxrin ta' April tas-sena elfejn u sitta (28/04/2006) u konsegwentement l-iżgumbrament mill-istess proprjeta' tal-intimati l-oħra Camilleri-Brennan mill-imsemmija proprjeta' jiġifieri tal-fond ossia dar bin-numru uffiċjali mija, tlieta u erbgħin (143) u mija ħames u erbgħin (145), qabel bin-numru uffiċjali mija, ħamsa u għoxrin (125), Triq Santa Domenica, Zabbar, soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' lira Maltija u sbatax-il ċenteżmu (Lm1.17);

iii. Illi għalkemm l-intimati l-oħra Michael Camilleri-Brennan u Sylvana Camilleri-Brennan ġew interpellati sabiex jivvakaw il-fond, permezz ta' ittra uffiċjali (Num. datata 9 ta' Novembru 2009 – annessa u mmarkata bħala Dok '8') huma baqgħu inadempjenti u għalhekk qegħda ssir dina l-kawża skont il-liġi.

C. Talbiet Attriċi

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn premessi, ir-rikorrenti jitolbu umilment bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

a. Tiddeċiedi skont it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Tordna r-rexxissjoni tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mark Zammit datat tmienja u għoxrin ta' April tas-sena elfejn u sitta (28/04/2006) u konsegwentement l-iżgumbrament mill-istess proprjeta' tal-intimati l-oħra Camilleri-Brennan mill-imsemmija proprjeta' jiġifieri tal-fond ossia dar bin-numru uffiċjali mija, tlieta

u erbgħin (143) u mija ħames u erbgħin (145), qabel bin-numru uffiċjali mija, ħamsa u għoxrin (125), Triq Santa Domenica, Zabbar, soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' lira Maltija u sbatax-il ċenteżmu (Lm1.17) liema proprjeta' tirriverti f'isem ir-rikorrenti *occorrendo* bin-nomina ta' nutar nominandi għal dan l-iskop;

c. Tikkundanna u tordna lill-intimati Michael Camilleri-Brennan u Sylvana Camilleri-Brennan biex jiżgumbraw mill-imsemmija proprjeta' jiġifieri tal-fond ossia dar bin-numru uffiċjali mija, tlieta u erbgħin (143) u mija ħames u erbgħin (145), qabel bin-numru uffiċjali mija, ħamsa u għoxrin (125), Triq Santa Domenica, Zabbar, soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' lira Maltija u sbatax-il ċenteżmu (Lm1.17) fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat mill-Qorti *occorrendo* bl-assistenza tal-uffiċjali tal-Pulizija u dawk tal-Qorti;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali num 4033/09 tad-9 ta' Novembru 2009 kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Ġunju 2011 li permezz tiegħu l-Qorti awtorizzat lill-konvenuti biex jikkontestaw il-kawża;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Michael u Sylvana Camilleri Brennan ippreżentata fl-10 ta' Ġunju 2011 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi din l-Onorabbli Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba attriċi in vista tad-digriet tagħha tal-25 ta' Mejju 2011;

2. Illi t-tieni talba attriċi għandha tiġi miċħuda in kwantu ma jirrikorrux l-element rikjesti mill-liġi sabiex jiġi rexiss il-kuntratt fl-atti Nutar Mark Zammit tat-28 ta'Apil 2006;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost is-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-11ta' Marzu 2007 u tas-16 ta' Jannar 2008 ma jikkostitwixxux stat fil-konfront tal-esponenti in kwantu huma ma kienux parti f 'dawk il-proċeduri u lanqas ġew kjamati in kawża f'dawk il-proċeduri;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda in kwantu nfondati fil-fatt u fid-dritt ġaladarba jirravviża ruħu l-mala fede tal-partijiet b'eċċezzjoni tal-esponenti u kwindi hu prekluż lilhom ir-rimedju mitlub mill-atturi *in linea* mal-prinċipji *deceptis non decipientibus jura subveniunt, fraus et dolus nemini patrocinari debent u frustra legis auxilium quaerrit qui in legem committit;*

5. Illi mingħair preġudizzju għas-suespost *dato ma non concesso* li l-fatti kif allegat mill-atturi huma veritiera, ir-rimedju lilhom konċess ma huwiex dak mitlub minnhom;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti dejjem aġixxew *in buona fede* u meta akkwistaw il-fond in kwistjoni huma akkwistaw l-istess bil-garanzija tal-paċifiku pussess u garanzija li fuq il-fond ma kienx hemm litigazzjoni u għalhekk issa jispetta lill-konvenuti l-oħra jwettqu tali garanziji mgħotija minnhom;

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost *dato ma non concesso* din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li t-talbiet attriċi huma mistħoqqa, l-esponenti inkorrew spejjeż kbar biex akkwistaw il-fond il-kwistjoni kif ukoll sabiex għamlu miljoramenti kif ukoll inkorrew spejjeż bankarji u imgħaxijiet kif ukoll drittiiiet professjonali, li tagħhom għandhom iwieġbu l-atturi u l-konvenuti l-oħra jew min minnhom;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri u b'riżerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti fil-liġi. F'dan is-sens il-konvenuti esponenti qiegħdin minn issa jżommu lill-partijiet l-oħra responsabbli għal kwalsiasi preġudizzju u / jew danni li huma jistgħu jsofru b'riżultat tal-aġir tagħhom u dawn il-proċeduri;

Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti Camilleri Brennan u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Filomena *sive* Phyllis Rodo, Carmela Dolores Grima, Margaret Muscat, Joan Caruana u Mario Rodo ppreżentata fit-13 ta' Ġunju 2011 li permezz tagħha eċċepew:

1. Fl-ewwel lok in kwantu l-esponenti odjerni, ma għandhomx il-pussess tal-proprjeta' in kwistjoni ma jistax jintalab l-iżgumbrament tal-proprjeta' fil-konfront tagħhom. Dan huwa ammess mir-rikorrenti, tant li ħarrku lill-esponenti għal kull interess li jista' jkollhom;

2. Fit-tieni lok, ir-rikorrenti ma għandhom l-ebda interess li jitolbu r-rexxissjoni ta' kuntratt f'liema huma ma humiex parti. Kif inhu risaput il-kuntratt ma għandu l-ebda effett fil-konfront tar-rikorrenti in kwantu huwa *res inter alios acta*, u għalhekk lanqas ma jistgħu jitolbu r-rexxissjoni tal-istess.

3. Fit-tielet lok l-irritwalita' tal-proċedura in kwantu l-uniku azzjoni spettanti r-rikorrenti hija l-*actio rei vendicatoria* b'liema wara li juru t-titolu tagħhom jirrivendikaw il-proprjeta' kontra kull pussessur tal-proprjeta';

4. Illi fir-raba' lok kien hemm ksur tad-dritt fondamentali tal-intimati għal smiegħ xieraq fil-proċeduri għal liema sar riferenza mir-

rikorrenti u dan billi fil-maġġjor parti ta’ dawn il-parti l-intimati bl-ebda mod ma’ kienu jafu bid-dekors tagħhom.

Dwar il-fatti

A. L-esponenti jiddikjaraw illi huma ma tantx huma edotti mill-fatti. Il-proprjeta’ in kwistjoni kienet tan-nanniet tagħhom, li sa fejn jafu huma tħalliet lil missierhom b’kuntratt speċifiku, wara li ġie nieqes missierhom huma ttrasferew il-proprjeta’ lil terzi, l-intimati Camilleri Brennan, in *buona fede* u peress li ma kenux jafu li l-proprjeta’ kienet milquta b’xi divjet jew anke b’xi proċeduri legali;

B. Illi *inoltre* l-esponenti jiddikjaraw li huma minkejja li għandhom kuntatt mal-kuġini tagħhom, l-istess kuġini qatt ma nfurmawhom b’xi mod b’dawn il-proċeduri jew li ma kellhomx ibiegħu l-proprjeta’ tagħhom.

Tant għas-savja, konjizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti Filomena *sive* Phyllis Rodo, Carmela Dolores Grima, Margaret Muscat, Joan Caruana, Mario Rodo u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi kollha;

Ikkunsidrat;

Illi f’din il-kawża l-atturi qed jitolbu lill-Qorti biex tordna r-rexxissjoni tal-kuntratt imsemmi fir-rikors tagħhom peress li permezz ta’ sentenza sussegwenti ġie annullat l-att li permezz tiegħu l-konvenuti Rodo kienu akkwistaw il-propjeta’ in kwistjoni; qegħdin jargumentaw li ladarba huma kienu l-propjetarji veri tal-fondi in kwistjoni, l-att tat-trasferiment li bih Rodo biegħu lill-konjuġi Camilleri Brennan huwa null.

Illi dawn tal-aħħar qed jikkontestaw it-talba għaliex isostnu li ladarba huma ma kienu jafu b'xejn minn dan kollu ma għandhomx ikunu penalizzati b'dan il-mod filwaqt li l-konvenuti Rodo isostnu li ma kienux jafu bil-kawża in kwistjoni.

Illi dwar il-fatti ma tantx hemm wieħed x'jgħid. Il-partijiet (*eccetto* l-konjuġi Camilleri Brennan) kien f'kawża bejniethom dwar kuntratt (*datio solutum*) li permezz tiegħu l-konvenuta Rodo u zewġha (issa t-tnejn mejtin) kienu akkwistaw il-proprjeta' in kwistjoni. Sfortunatament din damet għaddejja ħafna snin u ġiet deċiża finalment fl-2008. Sentejn qabel il-konvenuti Rodo biegħu il-proprjeta' lil Camilleri Brennan. Issa għalhekk l-atturi qed jitolbu t-tħassir tal-kuntratt u li jiġi konsenjat lilhom il-fond battal billi jiżgombraw lill-konjuġi Camilleri Brennan; infatti Rodo ġew ċitati *"għall-interess li jista' jkollhom"*.

Illi skond l-artikolu 966 tal-Kodiċi Ċivli *"Ir-rekwiżiti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, huma:*

*(a) illi l-partijiet ikunu kapaċi biex jikkuntrattaw;*

*(b) il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruħu;*

*(ċ) ħaġa żgura li tkun l-oġġett tal-kuntratt;*

*(d) kawża leċita biex wieħed jobbliga ruħu.*

Illi huwa għalhekk evidenti li dawn ir-rekwiżiti ma humiex qed jiġu attakkati u l-atturi qed jibbażaw it-talba tagħhom fuq il-fatt li huma ġew dikjarati proprjetarji tal-fondi in kwistjoni. Ma hemmx dubju li Rodo aġixxew b'mod kundannabbli għall-aħħar f'dan il-kuntest. Kontrarjament għal dak li qalu, ċertament kienu jafu li għaddejja kawża kontra tagħhom fuq il-proprjeta' in kwistjoni u ma kienx messhom biegħu l-proprjeta' qabel ma ġiet deċiża l-kawża definittivament. Żgur li kienet taf bil-kawża Filomena Rodo u allura

l-malafede tagħha ma hijiex dubitata. Jekk uliedha ġewx notifikati bl-atti relattivi meta miet żewġha huwa ftit jew xejn rilevanti għal din il-kawża. Ma jistax ikun pero'li ma kienux jafu bil-kawża meta ommhom, ġja' mara anzjana kienet qed tikkontesta l-kawża.

Illi fl-istess ħin din il-Qorti ma tiddubitax mill-*bona fede* tal-konvenuti Camilleri Brennan sia mill-mod kif xehed il-konvenut stess u anke għaliex ċertament ma kienx se jixtru proprjeta' soġġetta għal-litigazzjoni u aktar minn hekk jagħmlu spejjeż sostanzjali biex jirranġawha. *Oltre* dan, *skond l-Artikolu 532 tal-Kap 16 il-buona fede hi preżunta u min jallega l-mala fede għandu jipprovaha. Prova din li trid tirriżulta minn ċirkostanzi univoċi* ***(Vol XLIII pt I p146)****. "La prova della mala fede si deve desumere da circostanze ineluttabili ed affatto non equivoche" (****"Borg vs Grech"****, deċiża fit-30 ta' Jannar 1869 ċitata fis-sentenza* ***a Vol XXIX p II p153****). Jinkombi għalhekk fuq l-attur l-oneru li jinnewtralizza u jwaqqa' l-prinċipju ġenerali tal-preżunzjoni sanċit fl-artikolu msemmi tal-liġi.* (**"Calleja vs Degiorgio"** Appell Inferjuri deċiż fl-24 ta' Marzu 2004).

Illi mill-banda l-oħra, l-atturi naqsu li jieħdu ħsieb tajjeb tal-interessi tagħhom fir-rigward billi naqsu milli jitolbu lill-Qorti biex tinibixxi lill-konvenuti Rodo milli jittrasferixxu l-proprjeta' in kwistjoni għaliex kieku għamlu hekk dan l-inkwiet kollu ma kienx isegwi. Dan meta kellhom diversi snin għad-dispożizzjoni tagħhom biex jagħmlu dan. Minflok stennew is-sentenza anzi mill-provi jirriżulta li hemm possibbilta' kbira li kienu jafu li l-fond ġie trasferit u avviċinaw lil Camilleri Brennan wara li saru diversi xogħlijiet fil-fond. Il-Qorti qed tgħid dan għaliex irriżulta li wħud mill-atturi joqogħdu fl-akkwati u ma setax ikun li ma jarawx il-kartelluni li juru li l-fond kien għal bejgħ u jaraw il-ħaddiema jagħmlu x-xogħlijiet imsemmija. F'dan is-sens, intqal illi, *"non puo essere esaudito perche` a nessuno e` dato di fare della propria turpetudine il fondamento di una pretesa giudiziaria"* – **"Giuseppe Vella vs Paolina** ***moglie dello stesso*** **Giuseppe Vella"**, Appell Ċivili deċiż fl-20 ta' Ġunju 1923

(Vol XXV p I p 600). F'dan il-każ, jekk ma kienx hemm turpitudni, kien hemm non kuranza tal-interessi tagħhom da parti tal-atturi bin-nuqqas tagħhom li jieħdu l-proċeduri neċessarji msemmija.

Illi fil-kawża fl-ismijiet **"Mizzi vs Crowther"** (deċiża fl-4 ta' Ġunju 1955) il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili wara li qalet li l-*bejgħ ta' oġġett ta' ħaddiehor huwa null*, żiedet tgħid illi din *in-nullita' ma tistax tiġi opposta ħlief mill-kompratur*. Il-Qorti kompliet tiċċita sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Turin mogħtija fl-1923 f'dan is-sens u li ġiet indikata mill-awtur **Fadda** fit-trattat tiegħu. Fil-każ odjern fil-mument li sar il-kuntratt ma kien hemm xejn li jżomm lill-kompraturi biex jakkwistaw dik il-propjeta' – kien ikun mod ieħor kieku saret it-talba lill-Qorti biex tinibixxi lill-bejjiegħa, liema talba tiġi wkoll reġistrata fir-Reġistru Pubbliku proprju għal dan l-iskop.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi, salv kull dritt spettanti lill-atturi fil-konfront tal-aħwa Rodo, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Camilleri Brennan u tiċħad it-talbiet kif proposti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-aħwa Rodo għar-raġunijiet fuq indikati.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**